DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' April 2008

li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li fis-suq jitqiegħdu biss lajters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lajters innovattivi (novelty lighters)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1442)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/322/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE [2] teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li fis-suq jitqiegħdu biss lajters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lajters innovattivi.

(2) Id-Deċiżjoni 2006/502/KE ġiet adottata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/95/KE, li tillimita l-validità tad-Deċiżjoni għal perjodu li ma jaqbiżx sena, iżda tippermetti li tiġi kkonfermata għal perjodi addizzjonali li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jaqbeż sena.

(3) Id-Deċiżjoni 2006/502/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2007/231/KE li għall-ewwel darba estendiet il-validità tad-Deċiżjoni għal sena oħra sal-11 ta' Mejju 2008.

(4) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba s'issa u tal-progress li sar biex tinstab soluzzjoni alternattiva fir-rigward tas-sikurezza tal-lajters għat-tfal, jeħtieġ li tiġi estiża l-validità tad-Deċiżjoni għal 12-il xahar ieħor.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni 2006/502/KE it-test ta' l-Artikolu 6, il-paragrafu 2, qed jinbidel b'dan li ġej: "Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-11 ta' Mejju 2009."

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju 2008 u għandhom jippubblikaw dawn il-miżuri. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

Meglena KUNEVA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

[2] ĠU L 198, 20.7.2006, p. 41. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/231/KE (ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16).